TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 57

KAZ NRU. 63

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Saviour Meli
u
Messrs Corinthia Palace Hotel
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 29 t'Ottubru,1979.

Chairman : G.A. Craig.

B'ittra tas-26 ta' Lulju 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Saviour Meli mill-Messrs Corinthia Palace Hotel, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom l-appellant deher ghalih innifsu waqt li ghal Kumpanija deher is-Sur Joe Vella, Personnel Manager tal-Kumpanija.

3. L-appellant fli 'statement of case' issottometta li hu kien dahal jahdem mal-Corinthia Palace Hotel fis-6 ta' Dicembru, 1978 u gie mkecci mill-impieg fit-23 ta' April, 1979. Ir-raguni li ta l-Management kienet 'absenteeism' and lateness'. Sostna li hu naqas milli jmur ghax-xoghol f' zewg okkazzjonijiet biss ghax kien marid wara li korra f' ghajnejh fuq il-post tax-xoghol u esebixxa zewg kopji ta' certifikati tat-tobba biex isostni dan u ghalhekk ma kien hemm ebda kaz ta' nuqqas.

/2. .....

4. Fuq l-akkuza ta' 'lateness' l-appellant sostna li x-xoghol tieghu kien jibda fl-4.00 p.m. izda hu gie li dahal tard ghax dan ma kienx jimporta galadarba kienu jlahhqu max-xoghol kollu li kien hemm izda f'xi tlett okkazzjonijiet ohra kien dahal kmieni milli suppost u haga kellha tpatti ghall-ohra.

5. L-appellant issottometta wkoll li hu ghamel iz-zmien tal-'probation' u mhux biss hadd qatt ma qallu xejn dwar nuqqasijiet talli kienu tawh zieda fil-paga. Fuq kollox qatt ma tawh 'warning' la bil-miktub u inqas verbali dwar xi nuqqasijiet. Kienet darba biss li l-Personnel Manager kien ilmenta mieghu li kien falla jumejn hu kien wiegbu li jekk jerga' jwegga' ma kienx jibqaghlu triq ohra hlief li jiehu hsieb sahtu u qallu wkoll li l-faham suppost qieghed bil-gradilja halli ma jtirx l-irmied li kien wegga' bih.

6. Ghall-Corinthia Palace Hotel, is-Sur Joe Vella, il-Personnel Officer esebixxa kopji ta' dokumenti tal-korrispondenza dwar il-kaz kif ukoll kopji ta' 'punch cards' li juru li l-appellant naqas li jmur ghax-xoghol mhux darba u tnejn kif ukoll li kemm-il darba ma hadimx it-tmien sighat tieghu li ghalihom kien imhallas u fuq dawn in-nuqqasijiet lil-appellant kien gibidlu l-attenzjoni il-Personnel Manager.

7. Is-Sur J. Vella sostna wkoll li kienet il-gurnata 19 ta' April 1979, l-ahhar gurnata xoghol li ta l-appellant ghax meta rega' mar ghax-xoghol fl-24 ta' April, 1979, il-Personnel Manager gibidlu l-attenzjoni tieghu li ghall-assenzi tieghu bejn id-19 ta' April, 1979 u l-24 ta' April ma kienux rapportati skond ic-cirkolari esibita mal-'istatement of case' lil kull impjegat u inqas ma kien ipproduca c-certifikat mill-ghassa tal-pulizija..Fit-18

ta' April, 1979, l-appellant kien talab ghal gimgha 'leave' li ma setghetx tinghata mhabba ix-xoghol li kien hemm izda l-appellant baqa' jinsisti li kien ser jiehu tlett ijiem 'leave' xorta wahda. Billi l-appellant gieli esprima ruhu kemm mal-'Head of Department' kif ukoll mal-'Personnel Manager' li ma kienx kuntent fuq ix-xoghol tieghu, il-'Head of Department' haseb li l-appellant kien irrizenja minghajr 'notice'.

8. L-appellant qal is-Sur Joe Vella, kien ukoll mar il-'Labour Office' jilmenta fuq it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu u kien allega li hu kien spicca ghax wegga' fuq ix-xoghol. Kien ghalhekk li kien mar is-'Safety Officer' ufficjal tal-Labour Office li kien iccertifika li ma kien hemm xejn hazin. Fuq kollox il-Personnel Manager kien offra lill-appellant xoghol alternattiv izda is-'Safety Officer' li kien kellem liz-zewg nahhat kien gharraf lill-Personnel Manager tal-Corinthia li l-appellant ma kienx interessat jahdem mal-Corinthia Group .

9. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda : L-appellant innifsu minn jeddu, it-tabib Stanley Zammit, M.D., R.A.M.C. (Rtd.) u t-tabib Mario Tabone, M.D., D.O. (Lond.) waqt li ghall-Corinthia Palace Hotel instemghu Wannous Halim, Head Chef mal-Corinthia Palace Hotel, Joe Vella, Personnel Manager mal-Corinthia Palace, Saviour Grech Administrative Officer mad-Dipartiment tax-Xoghol.

10. Xhieda fil-qosor : <u>L-appellant Saviour Meli</u> minn jeddu qal li meta wegga' ghajnejh l-ewwel darba cempel lit-tabib tal-kumpanija Dr. Zammit u ma marx izda hu mar ghand it-Dr. M. Tabone li kien joqghod vicin tieghu. Tah xi qtar u ghajnejh ikklirjawlu. Kien cempel lil Mr Halim u talbu l-kumplament tal-gimgha off u dan qallu li ma setghax.

/4. .....

Ind

L-appellant zied jghid li c-certifikat tad-19 ta' April ghamlu fid-19 ghaliex hu kien hadu l-lukanda u dan kien ghamilulu Dr Zammit izda dan ma kienx instab u allura talbu jaghtih iehor wara xahar kif kienu qalulu l-Labour Office, izda fl-istess hin qal li l-ewwel certifikat kien ghamilulu Dr M. Tabone u rega' qal "Dr. Zammit huwa tabib tal-Kumpanija pero' l-ewwel darba li fallejt ma kienx gie jarani". Mistoqsi mic-Chairman min kien ghamilulu l-ewwel darba, l-appellant wiegeb li l-ewwel certifikat kien wiehed privat u li dan kien ghamilulu Dr. M. Tabone u mar ghalih wara xahar ghax kien ghaddielu . Lit-tabib tal-Kumpanija ma kienx talbu certifikat ghax assuma li b'ghajnejh homor kif kienu kien ser jigi emmnut u kien wara li mar il-Labour Office u tawh parir jaghmel certifikat li mar ghalih u kien ghalhekk id-dewmien ghaliex l-incident meta tarlu suffarell f'ghajnejh kien ghal habta tal-bidu ta' April. Hu ma kellux mohh ic-certifikat u ghalhekk ma kienx talbu. Hu kien mar l-ghassa tal-pulizija u qalilhom li mhux ser imur ghax-xoghol izda dawn infurmawh li 'injury' ma kellhomx x'jaqsmu mieghu u li fuq injury suppost li jirraporta l-'employer'. Kulhadd kien jaf meta tarlu s-suffarell f'ghajnejh u lil Mr. Halim kien qallu wkoll u talbu l-kumplament tal-gimgha off halli ghajnejh tghaddilu sewwa u dan ma riedx. Meta rega' gralu hekk hu kien mar ghand it-Tabib tal-Lukanda ir-Rahal Gdid, ghamillu certifikat u dan kien tah lill-Personnel Manager. Meta tterminawlu l-impieg hu kien mar il-Labour Office u wara ftit il-Kumpanija bghatu ghalih u riedu jibghatuh il-Libya u hemm beza' jmur. Wara kien kelmu s-Safety Officer u dan kien ser jirrangahom. Huwa minnu li fejn kien jahdem inhabba l-accident ma kienx jahdem ghal qalbu ghax kien jahdem bil-biza. Fil-kontro-ezami l-appellant qal li hu dejjem dahal fil-hin apparti mill-fatt li Mr. Halim kien jaf u kien jirranga skond ix-xoghol. Hu gieli mar kmieni ukoll u gieli bghatuh huma kmieni.

Dr. Stanley Zammit - ikkonferma c-certifikat tieghu tat-22 ta' Mejju, 1979, u qal li hu kien ftakar li kien ra lill-appellant meta kellu s-suffarell fil-21 ta' April, kien ghamel certifikat u d-dati 21 ta' April sat-23 ta' April kien ikkonfermahom mill-Personnel Manager. Hu kien sodisfatt li l-appellant kellu raguni sodisfacenti meta marattendiex ghax-xoghol fil-21, 22 u 23 ta' April, 1979.

Dr. Mario Tabone - ikkonferma ic-certifikat tieghu tas-26 ta' Mejju 1979 u spjega li hafna drabi jiddependi mill-pazjent jekk jistax jahdem jew le ghax l-ghajn hija suggestiva.

Wannous Halim - qal li qatt ma kien jaf li l-appellant wegga' u qatt ma rrapurtalu li wegga', li l-appellant hafna drabi ma kienx fil-hin u li kien itih hafna 'warnings' fuq dan u anki fuq li ma kienx jirraporta ghax-xoghol u kkonferma d-dati li ma dahalx ghax-xoghol bla ebda raguni fl-4 ta' Jannar, 9 ta' Marzu, 4 ta' April, 10 ta' April, 21 u 22 ta' April u li ta' dawn l-assenzi kien tah 'warning' izda mhux bil-miktub dejjem verbalment ghaliex billi kellhom hafna x'jaghmlu ma setghux ikkeccuh u kien ghalhekk jaqtagghomlu mill-'leave'. Qal li l-fatt li ma kienx hemm gradilja fejn kien isir it-tisjir kienet 'hazard' izda l-appellant kien jaf b'dan meta mpjega ruhu mal-Kumpanija imma kemm seta' jkun kien jaghtuh xoghol fejn ma jkunx hemm ix-xaham. Semma incident meta darba l-appellant ma marx ghax-xoghol u kumbinazzjoni kien ghand il-Personnel Manager kien gie wkoll l-appellant u x'hin wasal kien infurmah li kien mar ghand it-Tabib; certifikat ma kellux imma qallu li kellu xi haga f'ghajnejh u talbu gimgha leave ghax hekk kien qallu t-tabib. Ix-xhud kien wiegbu li ma setax ghax kien hemm hafna xoghol u kien ukoll qallu li l-gurnata ta' lejliet kien ser jaghmililu leave flok absent u dik in-nhar seta' ma jidholx ghax-xoghol izda dan ma kienx il-21 u t-22 ta'

April, izda wara li kien dahal ghax-xoghol ghal xi jumejn ma kienx mar is-Sibt u l-Hadd u t-Tnejn irraporta 'sick'. Dan kien wara li kien talab gimgha 'leave'. Wara l-appellant ghamel tlett ijiem ma jmurx u x-xhud kien haseb li l-appellant mhux sejjer izjed ghax ma kienx kuntent fuq ix-xoghol. Ix-xhud cahad li kien jaf bl-incident li kellu l-appellant, cahdd ukoll li kien qal lill-appellant li sakemm isir sewwa ix-xoghol ikun jista' jitlaq kmieni. Ix-xhud ma ftakarx id-dati ta' meta l-appellant kien talab il-kumplament tal-gimgha 'leave' imhabba ghajnejh.

<u>Joseph Vella</u> - Personnel Manager,mal-Kumpanija - qal li hu kien hemm meta Halim ta twiddiba lill-appellant meta talab il-gimgha leave izda ma qallux li jkollu ikeccih jekk jerga'. Hu kemm-il darba kien jghid lil Halim li n-nies ma kienux qed jaghmlu s-sighat li suppost kellhom jaghtu u li kien ser ikollu johrog 'warning' izda Halim kien jghidlu li ser ikellimhom hu ghax kienu fgati bix-xoghol. L-appellant kemm-il darba staqsih setghax isiblu xoghol alternattiv. Darba kien cempillu s-Safety Officer mill-Labour Office is-Sur Saviour Grech halli jara kif seta' wegga' l-appellant u offra biex jirrangahom izda wara ftit kien infurmah li l-appellant ma kienx jidher wisq interessat. Zid jghid li l-appellant kien qallu verbalment li ried jitlaq. Qal ukoll li mhix is-sistema taghhom li qabel iz-zmien tal-probation isir rapport fuq l-impjegat u meta mistoqsi mill-appellant "fil-kaz tieghi jekk tghid li jiena ma kontx tajjeb l-ghala zammejtuni wara l-probation?" ix-xhud wiegeb, "Gh[illegible] li tant konna ippressati ... li ma stajniex nafforddjaw nibghatuk."

<u>Saviour Grech</u> - Administrative Officer fil-Labour Office qal li hu pprova jidhol bejn iz-zewg partijiet u kien kwazi irrangahom izda dan ma sehhx ghax l-appellant ma deherx propens li jitlob skuza ghax ma kienx hemm ta' xhiex. Qal ukoll li mar jara l-kcina u waqt li ma kienx hemm periklu evidenti seta' li s-suffarell itir.

11. <u>Sottomissjonijiet finali</u> - <u>L-appellant</u> issottometta li mill-erba' xhur u nofs li dam jahdem mal-kumpanija tlieta kienu "on probation", u ghalhekk jekk kellu nuqqasijiet setghu jibghatuh minghajr inkwiet. Dan mhux talli ma ghamluhx izda meta kellu post ahjar u wriehom li kien ser jitlaq ikkonvincewh biex jibqa'. Dan kien trattament hazin da parti tal-Management. Sostna li qatt ma kien hemm 'warnings' mhux biss 'xierqa u cari' jew skond il-paragrafu 22 tal-'Collective Agreement' izda xejn. Fuq 'unreasonable absenteeism' deher mill-esibiti tal-Kumpanija stess li thallas ta/-kemm-il darba ma marx u dawn kienu mmarkati 'A/L' 'annual leave' u dan igiddeb dak kollu li ntqal fil-kuntrarju. Fuq il-'punch cards' xi nuqqasijiet li dehru kienu ghaliex is-sistema tal-hinijiet kienet flessibbli u haga tpatti ghall-ohra u Mr. Halim kien dejjem jaghti il-permess. Anki l-Personnel Manager kien qal lil Mr. Halim li "l-haddiema ma kienux jahdmu s-sighat kollha" izda din is-sistema flessibbli kienet accettata mill-Kumpanija.

L-appellant attakka wkoll ix-xhieda ta' Mr. Halim fil-maggoranza taghha, u zied jghid li hu meta korra kien avza u dan gie konfermat mit-Tabib tal-Kumpanija. Meta esprima li ma kienx kuntent kien imhabba l-ambjent u hu irrifjuta xoghol il-Libya imhabba ghajnejh.

12. <u>Ghall-Corinthia Palace Hotel Co. Ltd.</u> gie sottomess li mix-xhieda jidher li l-appellant kien hafna drabi tard ghax-xoghol u ma kienx jahdem erbghin siegha fil-gimgha kif suppost u kien ghalhekk li meta fl-24 ta' April, 1979 l-appellant irraporta ghax-xoghol wara assenza ta' izjed minn gurnata wahda, il-Personnel Manager ma emminx li l-appellant kien verament wegga' fuq ix-xoghol. Kien veru li meta l-appellant kien ifalli kien jinghatalu 'leave' u 'verbal warning' ghaliex il-volum tax-xoghol ma kienx jippermetti riskju ta' nuqqas ta' staff. Izda meta l-

appellant naqas ghal diversi granet fuq xulxin kienu hasbu li l-appellant irrizenja minghajr notice. Waqt li kien concess, il-fatt li l-appellant mar ghand it-tabib tal-Kumpanija, l-appellant ma pproduciex certifikat u inqas cempel biex javza kif kien tenut u inqas ma pproduca certifikat tal-pulizija. Li l-appellant ma tkecciex waqt il-perijodu tal-probation kien dovut ghall-kap tas-sezzjoni tieghu. Minn imkien ma hareg li l-appellant korra fuq ix-xoghol b'danakollu l-Personnel Manager kien lest jikkunsidra jaghtih xoghol alternattiv, izda l-appellant ma weriex interess.

13. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal - Mix-xhieda hargu cari hafna dawn il-fatti:

a) illi waqt li l-appellant ma kienx kuntent hafna fuq ix-xoghol, il-Kumpanija inqdiet tajjeb bih specjalment meta kien hemm hafna xoghol;

b) li l-hinijiet kienu flessibbli - il-Personnel Manager qal "kemm-il darba kont navvicina lill-Heads (plural) specjalment f'dan il-kaz lil-Halim, li n-nies (plural) ma kienux qed jaghmlu n-numru ta' sighat li suppost kellhom jaghtu;"

c) li mid-dokumenti esibiti mill-Kumpanija ma jidhirx li l-appellant kellu rekord ta' assenzi minghajr gustifikazzjoni izda ta' 'annual leave'-awtorizzat mill-kap;

d) li ma kienx hemm 'warnings' bil-miktub u inqas verbali quddiem xi-xhud;

e) li l-appellant ma hax ebda certifikat la tat-Tabib u inqas mill-Pulizija izda t-Tabib tal-Kumpanija ftakar li kien ezamina lill-appellant u kien hemm raguni l-ghala ma hax ic-certifikat tal-Pulizija.

/9. .....

14. It-Tribunal osserva li waqt li l-Ftehim Kollettiv jaghmel provvedimenti ghal 'lateness' (para 14 (b) (c) (d)) ma deherx li dawn qatt gew applikati fil-kaz ta' l-appellant ghax dejjem thallas il-paga shiha. Anki fil-kaz ta' 'absence' il-Ftehim Kollettiv jghid (para. 18) "absenteeism up to three (3) times within a year, without an acceptable reason,shall lead to disciplinary action" u ma jidhirx li l-appellant qatt ittiehdu passi dixxiplinarji kontra tieghu la fuq hekk u inqas fuq 'unsatisfactory work or conduct' kif provdut fil-paragrafu Nru. 22 tal-Ftehim Kollettiv.

15. It-Tribunal ghal darb'ohra jerga' itenni li l-impieg, barra s-sahha, huwa l-izjed haga mehtiega ghall-bniedem u dan ma ghandux jintilef jekk mhux ghall-affarijiet gravi hafna jew nuqqasjiet serji u ripetuti wara twissijiet xierqa u bizzejjed. F'dan il-kaz ma nstabx li kien hemm la nuqqasijiet serji u inqas twissijiet xierqa.

16. <u>Award</u> - It-Tribunal, wara li ezamina bir-reqqa l-istqarrija tal-partijiet, id-diposizzjonijiet tax-xhieda provduti u s-sottomissjonijiet finali, u wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirritjeni li Saviour Meli ma kienx jimmeritah il-kastig l-aktar gravi tal-licenzjament. Ghalhekk jaghti dan l-award : illi l-Corinthia Palace Hotel Co. Ltd. terga' tiehu fl-impieg taghha lil Saviour Meli fl-istess grad li kien qabel gie terminat l-impieg tieghu u b'kondizzjonijiet ta' xoghol mhux inqas favorevoli milli kellu dak iz-zmien minn nhar ~~it-Tnejn 29 t'Ottubru~~ [il-Hamis, l-1 ta' Novembru], 1979, u thallas lill-istess Saviour Meli is-somma ta' £300 (tlett mitt lira maltin) bhala kumpens ghat-telf ta' paga, hlas ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali u tal-Bonus.

A. Bartolo Parnis
Segretarju

G. Craig
Chairman

24.10.1979

em